## Ħarsa Lejn l-Imgħoddi

# Il-Wasla tal-Kapuċċini

*Anthony Grima*



Għeżież ħbiebi Ġwanniżi,

Għaddiet sena oħra u reġa' wasal iż-żmien li niltaqa' magħkom permezz tal-ktejjeb il-'Warda ta' Massabielle.'

F'din is-sitt ħarġa ta' dan il-ktejjeb, ser nagħtu tagħrif dwar il-wasla tal- ewwel patrijiet Kapuċċini f'San Ġwann. Dan ġara fi Frar tal-1947 bil-wasla ta' żewġ patrijiet.

## L-ewwel Patrijiet

Meta l-periklu kien għadda. Dun Karm Camilleri, li kien refuġjat tal-gwerra mar lura lejn pajjiżu, jiġifieri lejn Bormla. Kemm dam fostna, Dun Karm kien joqgħod f'dar... fi triq San Ġiljan, ftit passi bogħod mid- 'Dar ta' Xindi.' Din id-dar (Ta' Xindi), fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi kienet il-Kwartieri tal-Kmandant Ċensu Borg, imlaqqam 'Brared.' Dawn l-inħawi kienu magħrufa b'tal-Għorgħar.

Ftit taż-żmien wara t-tluq ta' Dun Karm, waslu fostna l-patrijiet Kapuċċini. L-ewwel żewġ patrijiet kienu : Patri Feliċ Scicluna u Patri Ġużeppi Marija Spiteri. Patri Feliċ kien l-ewwel Gwardjan (Superjur) tal-Komunità Kapuċċina f'dan il-lokal. Huma marru joqogħdu fi Triq San Ġiljan, fejn qabel kien joqgħod Dun Karm Camilleri.

Madwar ġimagħtejn mill-wasla tal-ewwel żewġ patrijiet, wasal it-tielet wieħed. Dan kien Patri Teofolo Ebejer. Waqt li P. Feliċ kien l-iżjed wieħed anzjan, P. Teofolo kien l-iktar wieħed żagħżugħ. Id-dmirijiet tiegħu kienu jalternaw bejn dawk tal-lokal tagħna u dawk ta' kappillan f'wieħed mill-isptarijiet pubbliċi.

Għal bosta nies li ma kinux jafu l-affarijiet minn ġewwa, il-miġja tal-Kapuċċini kienet ftit wisq ta' sorpriża. Dan għaliex kienu l-patrijiet Karmelitani li kienu jagħtu xi servizz (bħall-quddies) fil-kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar. Fost dawn nistgħu nsemmu lil Patri Elija Caruana O.C. Patri Elija kien jiġi mill-kunvent tal-Karmelitani tal-Balluta.

Karmelitani jew Kapuċċini, għan-nies l-iżjed importanti kien li issa setgħu jkunu moqdijin aħjar. Il-ħtieġa li jkollok tal-anqas żewġ saċerdoti għas-servizz tal-poplu kien ilha tinħass, l-iżjed meta wieħed iqis 'il bogħod bejn dan il-lokal u l-parroċċi li kien jagħmel parti minnhom. Għalhekk huma laqgħu lill-Patrijiet Kapuċċini b'idejhom miftuħa u l-patrijiet ma naqsux li jirreċiprokaw.

Mill-bidu nett, it-tliet saċerdoti għamlu l-almu tagħhom biex il-poplu jkun moqdi spiritwalment kif jixraq.

Għad li l-popolazzjoni ma kinitx xi waħda kbira, il-kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar kienet żgħira wisq. Fil-fatt nistgħu ngħidu li għall-quddies, aktar kien ikun hemm nies barra l-kappella milli ġewwa. Hawn bdiet tinħass il-ħtieġa li ssir xi ħaġa għall-kumdità tal-poplu.

Dan għaliex issa l-kappella ta' San Ġwann kienet saret iċ-ċentru ta' kull attività reliġjuża fil-lokal. Bdew jiġu organizzati xi festi, bħal ngħidu aħna tal-Milied, tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-Għid il-Kbir.

Arana lilna l-abbatini nġibu gastri, qsari u fjuri biex għall-ewwel darba narmaw is-Sepulkru Mqaddes u ngħinu fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Kemm ħassejna rwieħna importanti, kważi kważi iżjed mill-istess ċelebrant!

## L-24 ta' Ġunju

Bdiet issir ukoll festa żgħira lil San Ġwann il-Battista. Naturalment konna nispiċċaw bil-ħuġġieġa. Imma fejn qabel kienu isiru għadd ta' ħġejjeġ żgħar 'l hawn u 'l hinn, issa ridna nagħmlu waħda kbira li tkun ċentrali, qrib il-kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar. U fejn stajna nagħżlu aħjar mill-wesgħa ftit 'l fuq mill-faċċata, quddiem il-kappella? Bdejna nġorru dak kollu li nsibu u nistivawh fil-wesgħa li semmejna. Xi banketta miksura, xi gastra żlugata se taqa' u ma taqax, zkuk tas-siġar nixfin u kull ħaġa li kienet tieħu n-nar!

Biex l-affarjiet imorru aħjar, kull min kellu xi mbarazz li ried jeħles minnu beda jagħtihulna għall-ħuġġieġa u aħna nġorru u nistivaw! Għamilna muntanja mdaqqsa (għalina kienet qisha l-Everest) u stenneja li jasal filgħaxija b'xenqa liema bħala.

Ladarba semmejna l-ħuġġieġa, ma nistgħux ma ngħidux li din it-tradizzjoni kienet daħlet f'pajjiżna mal-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Jingħad li dawn kienu jaħarqu t-tiben biex jiċċelebraw it-twelid ta' San Ġwann il-Battista. Maż-żmien bdew jaħarqu wkoll dawk ir-remiżolji kollha li għalihom kienu żejda.

Kif għedna qabel, il-kappella kienet żgħira wisq. Għal dan il-għan beda jitħejja pjan biex jinbnew knisja u kunvent. Dawn kellu jħallas għalihom, skond ix-xewqa tiegħu stess, is-Sur Ġużeppi Borg, negozjant minn Birkirkara.

Is-Sur Borg xtaq li jibni tempju lill-Madonna taħt it-titlu tad-Duluri. Ġie deċiż li l-ewwel jinbena l-kunvent u wara tinbena l-knisja. Il-perit kien is-Sur Ġużè Colombo u l-imgħallem is-Sur Feliċ Mifsud, kuntrattur mill-istess lokal.

## Il-Bini Tal-Kunvent

F'Novembru tal-1949 bdiet titneħħa l-ħamrija mill-post ta' fejn kellu jinbena l-kunvent. Xi ġranet wara bdew jitqiegħdu l-pedamenti. L-ewwel ġebla, dik 'il fuq mill-pedament, tqiegħdet f'Jannar tal-1950. Din tbierket minn P. Feliċ Scicluna, gwardjan tal-Kapuċċini fl-Imsieraħ, f'isem il-Provinċjal.

L-ewwel sular tal-kunvent kien lest mix-xogħol tal-ġebel madwar sitt xhur wara li tqiegħdet l-ewwel ġebla. Dan l-ewwel sular kien jikkonsisti f'kuritur fin-nofs. Fuq in-naħa tax-xellug kien hemm iċ-ċelel tal-patrijiet, filwaqt li n-naħa tal-lemin tħalliet miftuħa. Din tħalliet hekk biex isservi bħala kappella sakemm tinbena l-knisja. Is-sular ta' fuq inbena għadd ta' snin wara.

Barra l-art għall-knisja u l-kunvent, l-familja Borg taw lill-Ordni tal- Kapuċċini biċċa art kbira fuq in-naħa ta' wara. Għal xi żmien din l-art tħalliet bħala għalqa; maż-żmien inbena ċ-Ċentru Parrokkjali.

Il-familja Borg taw din il-kobor ta' art lill-patrijiet Kapuċċini biex in-nies tal-inħawi jkunu moqdijin aħjar fil-bżonnijiet spiritwali tagħhom. It-tberik tal-kunvent sar mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fil-preżenza tal-Provinċjal, ta' Ġużeppi u ibnu Feliċ Borg, kif ukoll uħud mill-Kanonċi tal-Bażilika kolleġġjata ta' Sant'Elena ta' Birkirkara.

Ħadu sehem ukoll għadd ta' patrijiet Kapuċċini minn kunventi differenti. Fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas, kienu preżenti dawk kollha kemm anzjani, kif ukoll żgħażagħ u tfal li kienu joqogħdu f'dawn l-inħawi.

Fis-16 ta' Settembru tal-1950 Patri Anton Dimech, Provinċjal ta-kapuċċini wassal proċessjonalment is-Sagrament Imqaddes mill-Kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar għal dik proviżorja tal-kunvent.

## Knisja Ġdida

Kienu għaddew kważi sentejn mill-bini tal-kunvent meta Patri Feliċ Scicluna ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Patri Vinċens Grech mela l-vojt li ħalla P.Feliċ meta sar is-superjur il-ġdid. Hu kien inkarigat biex jieħu ħsieb dawk il-ħtiġijiet għall-bini ta' knisja ġdida, biċċa xogħol li hu daħal għaliha b'ruħu u ġismu.

Minħabba li l-art tal-familja Borg ma kinitx kbira biżżejjed biex fuqha tinbena l-knisja, sar ftehim ma' Bertu Debono u Salvu Vella. Dawn it-tnejn, ċedew parti mir-raba tagħhom lill-familja Borg.

Kien f'Ġunju tal-1953 meta tneħħiet il-ħamrija u fil-25 tal-istess xahar tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-pedament. Hekk, għall-grazzja t'Alla rajna l-bidu ta' dik li kellha tkun il-Knisja Parrokjali tal-Imsieraħ.

F'inqas minn tliet xhur mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-pedament, wasalna għall-ewwel ġebla 'il fuq mill-pedament. Din il-ġebla tbierket mill-Isqof Emanuele Galea megħjun minn żewġ Kanonċi minn Birkirkara. Bħala parrini, kienu d-Dekan tal-Kapitlu ta' Birkirkara u l-avukat H. Frendo. Kif normalment isir, taħt din il-ġebla tpoġġa tubu b'xi domni u b'xi flus (muniti) tad-deheb.

## Finanzi

Wieħed ma jistax ma jirringrazzjax lill-Providenza Divina li nqdiet bil-ġenerożità tal-familja Borg biex inbena dan it-tempju tant sabiħ; imma lanqas għandna ninsew lin-nies tal-lokal. Dawn taw u għamlu dak kollu li setgħu għal dan il-għan. Kien hemm min ta dik ix-xi ħaġa tal-flus li seta' jagħti; oħrajn ħadmu Sibtjiet, Ħdud u festi bla ħlas. Dan mhux darba jew tnejn, imma għal snin sħaħ.

Kemm intnaġar ġebel, kemm tħawwad konkos! Min jimla' r-ramel, min jimla' ż-żrar, min iferrex s-siment, min jitfa' l-ilma u min iġorr bil-karretta għal fejn meħtieġ. Dawn in-nies ħaqqhom li isimhom ikun miktub fejn jibqa' jiġi mfakkar.

U xi ngħidu għal meta tasal xi fiera? L-ewwel isir il-ġbir; min ta fenek, ħaddieħor ta papru jew par ħamiem; insomma kulhadd jagħti li jista'.

Min ma kellux annimali, ta xi ħaġa tal-fajjenza, jew kejk, inkella flixkun xorb, eċċ eċċ. Oħrajn li ma kellhomx x'jagħtu, taw xi ħaġa tal-flus. U għadd ta' nies ta' kull età jirsistu biex jakkwistaw dak li jistgħu, biex il-fiera tkun suċċess.

U f'jum il-fiera jibdew minn kmieni jippreparaw u jibqgħu sejrin bil-fiera sa tard filgħaxija; anzi nistgħu ngħidu sa tard bil-lejl. Għall-bidu kienu jissellfu xi rulini, imma iktar tard kienu ħadmu erbgħa minnhom (rulini) biex meta xtaqu li jużawhom ma jkollhomx problemi.

Meta nsemmu l-fieri jitfaċċa quddiem għajnejja Patri Gejt Galea li f'dawk iż-żminijiet bikrija kont nistħajlu l-ġeneral jgħid x'għandu jsir biex il-fiera tirnexxi. Patri Gejt ma kienx jgħid biss x'għandu jsir, imma kien jaħdem fuq li jaħdem. Tista' tgħid li kien jispiċċa

għajjien mejjet, kif kienu jispiċċaw ħafna oħrajn, wara kollox. Hu ma kien jiddejjaq xejn iqandel, jerfa', jġorr, isammar u jagħmel dak kollu li kien meħtieġ.

P. Gejt kien lest li jagħmel dak li bl-Ingliż jissejjaħ id-'dirty work' li forsi ħaddieħor ma kienx lest li jagħmel. F'dan iż-żmien P. Gejt kien ukoll id-direttur spiritwli tas- St. John's FC, minħabba li P. Vinċens issa kien imħabbat bil-bini tal-knisja.

Jidhrilna li P. Gejt kien l-ewwel fost il-patrijiet Kapuċċini li għamel żmien twil joħroġ jiġbor ta' kull nhar ta' Ħadd minn madwar ir-raħal; Sajf u Xitwa, xemx u xita dejjem għaddej. Wara, din il-biċċa xogħol kif ukoll dik tal-fieri wirithom Patri Mario Azzopardi.

## Il-Bini tal-Knisja

Sadanittant il-bini tal-knisja l-ġdida kien miexi kif ippjanat. Il-bini ta' knisja mhux la tfaqqa' subgħajk u jsir; imma trid iż-żmien kif ukoll ammont kbir ta' fondi. B'xorti tajba, hawn żdied benefattur ieħor mill-familja Borg. Dan ma kien ħadd ħlief l-imgħallem Ġużeppi Micallef, il-kuntrattur, li id f'id ma P.Vinċenz Grech kien qiegħed jieħu ħsieb il-bini tal-Knisja. Dawn li semmejna, flimkien ma' benefatturi oħrajn, u l-qalb ġeneruża tal-poplu żgħir tal-Imsieraħ wasslu biex din il-ħolma ssir realtà.

Il-Knisja li 'il quddiem kellha tkun il-Parroċċa tal-Madonna ta' Lourdes kienet lesta mix-xogħol tal-ġebel u dak kollu li jmur miegħu fl-aħħar xhur tal-1958; ftit aktar minn ħames snin minn meta bdiet titħammel il-ħamrija.

Barra l-ħidma tiegħu fil-bini tal-knisja, Patri Vinċens ħalla wkoll djarju dwar il-bini tagħha. Aħna niftakru sewwa meta wara li wrejnieh sett ta' ritratti tal-knisja mwassla sal-gwarniċa (ċinta) talabna sett biex iżommhom mad-djarju. Bla dubju dawn ir-ritratti għaddejnihomlu bil-qalb kollha.

Ara ma jmurx xi ħadd jaħseb li għax il-knisja kienet lesta mix-xogħol tal-ġebel, issa setgħu jibdew isiru ċ-ċelebrazzjonijiet fiha. Kemm kien għad jonqos xogħol xi jsir!

Fil-fehma tagħna kienet ħasra li P. Vinċens, li ħadem tant biex din l-opra ħadet is-sura tagħha mix-xejn, kellu jispiċċa ftit żmien biss qabel tlesta x-xogħol. Din hi biss l-idea tagħna u ma nistgħux ngħidu kif kien jaħsibha P.Vinċens.

Wara li P.Vinċens temm il-ħatra tiegħu ta' gwardjan, wasal floku P. Leopoldo Tabone ofm cap. Dan seħħ għall-aħħar t'Apri 1959. Naturament, dan kompla fuq dak li kien għamel is-superjur ta' qablu.

Hawn dehret mill-ġdid il-qalb kbira tan-nies tal-Imsieraħ li naddfu l-knisja minn kull ħaġa żejda li kien hemm ġo fiha. Dan sar mingħajr ma tħallas ċenteżmu wieħed għal dan ix-xogħol.

Wara li kif għedna l-knisja tnaddfet, l-art ingħatat il-konkos. Issa kien imiss ix-xogħol tal-paviment bl-irħam. Il-paviment tal-knisja sar għall-ħabta ta' nofs l-1958 u tħallas mill-familja Micallef. Fl-istess żmien kien qiegħed isir ukoll ix-xogħol tat-twieqi tal-ħadid bil-ħġieġ iddisinjat. Il-paviment tal-kor u tal-presbiterju setà jsir bis-saħħa ta' għotjiet minn diversi nies oħra.

Ma' kull jum li jgħaddi, kien qiegħed joqrob iż-żmien biex il-knisja tkun tista' tinfetaħ għall-qima tad-devoti lejn Alla l-Imbierek. Fil-lejl tad-19 ta' Diċembru tal-1959, jiġifieri fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd, tqiegħed bieb proviżorju. Dan kien inħadem u tqiegħed fil-post minn Pawlu Grima li ħallas l-ispejjeż kollha.

Għalkemm kien għad jonqos bosta xogħol ieħor xi jsir, bħal ngħidu aħna l-pavimentar tas-sagristija, l-invjar tal-knisja, dekorazzjoni tas-soqfa u mitt ħaġa oħra, tal-anqas, issa

l-knisja setgħet tintuża mill-poplu tal-imsieraħ li stenna dan il-jum b'ħerqa kbira.

Il-Ħadd 20 ta' Diċembru tal-1959 saret l-aħħar quddiesa fil-kappella proviżorja tal-kunvent. Din kienet il-quddiesa tas-7:00 ta' filgħodu. Dak inhar stess fit-8:30 ta' filgħodu, P.Krispin Galea li kien Provinċjal tal-Kapuċċini, bierek u wara qaddes l-ewwel quddiesa fil-knisja l-ġdida.

Fl-istess jum fl-4:00pm, is-sagrament Imqaddes ittieħed proċessjonalment mill-kappella tal-kunvent għall-knisja l-ġdida. Il-jum ta' festa ntemm meta l-Arċisqof Gonzi kixef u bierek il-kwadru titulari tal-Madonna ta' Lourdes. Dan kien xogħol il-Pittur Ġużeppi Briffa minn Birkirkara. Kien jum ta' ferħ u sodisfazzjon għan-nies kollha tar-Raħal, kif ukoll għall-patrijiet Kapuċċini li kienu saru biċċa mir-Raħal.

## L-Imsieraħ Isir Parroċċa

B'digriet ta' Monsinjur Mikiel Gonzi Arċisqof ta' Malta fil-21 ta' Settembru tal-1965, l-Imsieraħ sar Parroċċa. Din il-Parroċċa kienet dedikata lill-Madonna ta' Lourdes. L-ewwel Kappillan ta' din il-parroċċa ġdida kien P. Leopoldo Tabone ofm cap.

Ħbieb tiegħi, nixtieq intemm dan il-ftit tagħrif dwar l-imgħoddi ta' San Ġwann billi nagħti minn qalbi l-Festa t-tajba lill-Ġwanniżi kollha, partikolarment lil dawk kollha li jagħtu l-kontribut tagħhom biex din il-festa tkompli tikber.

Nota:- Tagħrif miġbur mill-ktieb 'Ġrajja ta' Raħal Imsieraħ - San Ġwann'

**ROOTS PET SHOP**

***Pet food, cages, B.B.Q. and Accessories***
***Specializing in Fishing Tackle***
***Live Bait (Ħniex)***

69, Paola Hill, Paola • Tel: 2167 7285, 9947 4953

DANIKA
*Sewing & Craft Supplies*




10, John F. Marks Street, San Ġwann, Malta
Tel: No. (00356) 2137 3473 • Fax: No. (00356) 2138 5172
Email: spiteric@yahoo.co.uk